DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 102/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness IV (l-enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 43/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 ([1]).

(2) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007 ([2]).

(3) Id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-ħolqien ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-ekodisinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/57/KE u 2000/55/KE ([3]) hija inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied mal-Punt 5 (id-Direttiva 96/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu IV:

", kif emendat b'li ġej:

— **32005 L 0032**: id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29)."

2. Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 5 (id-Direttiva 96/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu IV:

"6. **32005 L 0032**: id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-ħolqien ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-ekodisinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/57/KE u 2000/55/KE (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29).

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Istati EFTA kkonċernati għandhom jiġu mistiedna jibagħtu osservaturi għal-laqgħa tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 19. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat, iżda ma jkollhomx id-dritt li jivvutaw."

([1]) ĠU L 198, 28.7.2005, p. 45.
([2]) ĠU L 266, 11.10.2007, p. 7.
([3]) ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.

3. L-inċiż li ġej għandu jiġi mdaħħal fil-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE) tal-Kapitolu V:

"— **32005 L 0032**: id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29)."

Artikolu 2

L-Anness IV tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 15 (id-Direttiva 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat b'li ġej:

— **32005 L 0032**: id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29)."

2. Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 25 (id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"26. **32005 L 0032**: id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-ħolqien ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-ekodisinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29).

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Istati EFTA kkonċernati għandhom jiġu mistiedna jibagħtu osservaturi għal-laqgħa tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 19. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat, iżda ma jkollhomx id-dritt li jivvutaw."

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva 2005/32/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2007, sakemm ikunu ntbagħtu n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.